# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 246/2007/1 JPG**

**Charles Scerri**

**v.**

**Anton Busuttil Dougall**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma appell prinċipali mressaq mill-imħarrek u appell inċidentali mressaq mill-attur minn sentenza (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fit-3 ta' Novembru, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet l-ewwel tliet talbiet attriċi filwaqt li llikwidat sehem l-attur fin-negozju ta' bejn il-partijiet fis-somma ta' ħamsa u

għoxrin elf mitejn u tlieta u sebgħin euro u sebgħin ċenteżmi (€ 25,273.70) u ordnat lill-imħarrek iħallas lill-attur l-imsemmija somma flimkien mal-imgħax b'seħħ minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata sal-jum tal-ħlas effettiv; rabtet lill-imħarrek biex iressaq rendikont tat-tmexxija tiegħu tal-imsemmi negozju fi żmien tliet (3) xhur mill-għoti tas-sentenza appellata; ċaħdet it-talbiet attriċi l-oħrajn; u ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrek għajr l-għaxar (10) waħda. Ordnat ukoll li l-imħarrek iħallas l-ispejjeż tal-kawża. Il-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet mill-kwestjoni kien jaqbel mal-fehmiet mogħtijin lilha mill-perit legali maħtur minnha;

2. L-attur kien ressaq azzjoni biex jitlob l-għoti ta' rendikont u l-ħlas ta' sehmu f'negozju ta' tmexxija bi sħab mal-imħarrek ta' stabbiliment kummerċjali u kif ukoll dwar it-trasferiment lil terzi tal-istess stabbiliment, liema sħubija twaqqfet bil-għan li l-attur jitħallas għal servizzi ta' awditjar u konsulenza li kien ta lil xi kumpaniji li fihom l-imħarrek kellu interessi u liema servizzi professjonali baqgħu ma tħallsux;

3. L-imħarrek kien laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li kien hemm tassew soċjeta` bejnu u l-attur u, filwaqt li qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni, qal li l-Qorti kellha tiċħad it-talbiet attriċi kollha għaliex nieqsa minn kull fondament legali u fattwali;

4. Fost il-kunsiderazzjonijiet rilevanti, l-ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza appellata:

> "*Din hija azzjoni dwar ghotja ta' rendikont mill-konvenut dwar it-tmexxija ta' negozju, f'liema negozju l-attur huwa shab mal-konvenut.*
>
> *"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-kaz jirrigwardaw il-jedd tal-attur li jitlob li jinghatalu rendikont ta' kif il-konvenut amministra n-negozju ta' Giogiani's Café, u l-alienazzjoni lil terzi tal-istess negozju, inkluz il-makkinarju u mobbli ohra formanti parti mill-istess negozju.*
>
> *"Primarjament jinghad illi ma huwiex kontestat li l-partijiet kienu socji fin-negozju ta' Giorgiani's Café'. L-artikolu 1644 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla n-nozzjoni ta' 'socjeta' u jghid illi hu:*
>
> > ***"Kuntratt li bih tnejn min-nies jew izjed jiftiehmu li jqieghdu xi haga in komun, sabiex jaqsmu l-qligh li b'hekk jistghu jiehdu.***
>
> *"L-artikolu 1650, tal-Kap 16, jaghti definizzjoni ta' socjeta' partikolari bhala:*
>
> > ***"dik li jkollha b'oggett xi hwejjeg partikolari, jew l-uzu taghhom, jew il-frottijiet li jistghu jittiehdu minnhom, jew xi impriza partikolari jew l-ezercizzju ta' xi sengha jew professjoni."***
>
> *"Fil-kawza odjerna, l-oggett tal-assocjazzjoni min-naha tal-attur kien l-ezercizzju ta' awditjar, u min-naha tieghu l-konvenut kellu jamministra n-negozju.*
>
> *"Jinghad illi fl-artikolu 1233(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola civil partnerships, insibu li l-ligi timponi* ***ad validitatem****, u mhux* ***ad probationem tantum****, il-forma skritta fil-kaz tas-socjetajiet civili, u fil-kaz ta' skrittura privata, din ghandha, taht piena ta' nullita', tigi ffirmata mill-partijiet kollha.*
>
> *"F'din il-kawza, ghalkemm ma nghatat ebda eccezzjoni f'dan is-sens, huwa essenzjali ghad-determinazzjoni tad-definizzjoni tar-rabta bejn il-partijiet, li jigi stabbilit jekk il-ftehim sar bil-miktub, ghaliex fin-nuqqas ta' dan r-rekwizit essenzjali ta' forma, il-figura ta' socjeta' civili ma tistax treggi.*
>
> *"Ma saret l-ebda prova dwar kitba li tirregola dan in-negozju komuni bejn il-partijiet, u l-partijiet huma konkordi (nota tal-atturi pagna 13), li tali kitba ma saritx. Fil-kawza odjerna kellu jsir xoghol professjonali ta' awditjar, u l-konvenut kellu jamministra n-negozju. Fil-fatt, jidher li l-arrangament bejn il-partijiet kien wiehed ta'* ***joint venture*** *fejn il-ftehim kien jidher li kien ta'* ***contribution and division of profits****, u ghalhekk*

*ma humiex applikabbli n-normi li jiggvernaw is-socjetajiet civili ai termini tal-artikoli 1644 et seq.*

*"Il-massa ta' qliegh igib stat ta' komunjoni pro tanto bejn l-assocjati u ghalhekk huma applikabbli r-regoli tal-komunjoni (App. Kumm.* ***Giuseppe Zammit vs Carmelo Zahra – 14/11/1958****). Huwa ukoll necessarju li ssir il-likwidazzjoni, jew inkella dak is-socju illi jkollu l-kotba f'idejh jaghti kont regolari tal-attivita' ta' dik is-socjeta' ghall-imghoddi ghaliex mhux gust illi dak is-socju jibqa' sejjer b'kollox a dannu ta' haddiehor (****Giovanni Lanzon vs Giuseppe Vella – App. Civ. 12/1/1948****).*

*"Illi fil-kawza odjerna rrizulta car li l-konvenut ma kienx jaghti rendikont regolari tal-attivita' tal-joint venture, u bl-applikazzjoni tal-istess principji hawn fuq enunzjati, l-attur kellu d-dritt li jitlob rendikont tal-kontijiet da parti ta' minn kien inkarigat mill-amministrazzjoni tal-assocjazzjoni. L-attur kien fil-fatt ukoll intitolat jitlob, kif ghamel, il-likwidazzjoni ta' sehmu mill-assocjazzjoni, u dan a bazi tal-principju li hadd ma huwa obbligat li jibqa' fi stat ta' komun (artikolu 496 tal-Kap. 16).*

*"Bejn il-partijiet ma kienx hemm relazzjoni ta' imghallem u impjegat, izda kien hemm komunjoni li seta' jigi terminat b'rikjesta ghax-xoljiment tal-komunjoni u l-konsegwenzjali likwidazzjoni.*

*"Il-process ta' likwidazzjoni jinvolvi komputazzjoni tal-valur tas-sehem tal-assocjati, kif ukoll il-valur finanzjarju tal-kontribut inizjali tal-membri li waqqfu l-assocjazzjoni.*

*"Dak li kellu dritt jitlob l-attur, huwa x-xoljiment u likwidazzjoni ta' dak li hu dovut lilu ghax-xoghol li kien ghamel qabel it-talba ghal-likwidazzjoni. Illi f'dan ir-rigward ukoll tapplika l-massima onus probandi incumbit ei qui dicit non eu qui negat. Huwa l-oneru tal-attur li jressaq provi u jitlob id-dokumentazzjoni mehtiega sabiex tista' ssir tali likwidazzjoni.*

*"Fuq din il-likwidazzjoni ghandu jigi nuttat illi minkejja li tressqu diversi provi ma saret ebda prova inekwivoka tal-massa globali ta' assi prezenti fil-mument tat-talba bil-valur relattiv. B'riferenza ghax-xhieda ta' Charles Scerri u Jacqueline Grech jirrizulta illi l-attur ippretenda l-hlas ta' cirka LM 11,000 jew € 25,623.10. Dawn gew divizi kif gej skont ix-xhieda ta' Jacquline Grech:*

*"1. Kien hemm Lm7,500 li Charles Scerri kellu jiehu minghand diversi kumpaniji ta' Dougall, u li allura dwar dan kien sar ftehim li Dougall ihallas dawn, u jitqeghdu bhala nofs sehem Scerri fil-Cafetteria.*

*"Ma dawn kellhom jizdiedu zewg pagamenti addizjonali ghal Scerri fl-ammont ta' LM 2,000 li jammontaw ghal Lm 4,000 li maghqudin mas-sehem ta' Scerri jitilghu Lm11,500.*

*"Min dan ghandhom jitnaqqsu Lm1,150 li kien ircieva Scerri, mill-liema hareg Lm 500 biex ihallas lil Maxims."*

*"Dan jfisser:*

*"Lm 7,500+*
*4,000*
*11,500 -*
*1,150*
*10,350+*
*500*

***"Lm 10,850 ekwivalenti ghall €25,273.70***

*"Din ic-cifra ghalhekk hija kkonfermata minn zewg xhieda tal-attur u fuq kollox ma gietx direttament attakatta jew michuda mill-intimat. Jirrizulta ghalhekk illi dan l-ammont ghandu jithallas.*

*"Fil-provi ma jirrizultax illi hemm xi assi ohra ta' valur li l-attur ghamel xi pretensjoni fuqhom jew dwarhom.*

*"Dwar it-talba ghal sejba ta' amministrazzjoni doluza u/jew negligenti da parti ta' l-intimat jigi sottolineat mill-provi prodotti illi kien hemm storja bejn iz-zewg kontendenti fin-negozju komun. L-attur, kemm-il darba ma kienx sodisfat mill-amministrazzjoni ta' l-intimat, ma hax passi diretti kontra tieghu, ghajr b'din il-kawza, li hija kawza primarjament intenzjonata ghax-xoljiment ta' l-assi. Minkejja li huwa evidenti li hemm storja u kontestazzjoni bejn il-partijiet, ma hemmx prova inekwivoka ta' amministrazzjoni negligenti jew adirittura doluza.*

*"Dwar it-talba ghad-danni jigi rilevat illi fil-mori tal-kawza ma saret ebda prova tat-tip tad-danni li qed jigu reklamati u ma saret ebda prova tal-quantum tad-dannu reklamant. Ghalhekk ma hemmx bazi ghal likwidazzjoni jew ordni ta' hlas ta' danni addizzjonali oltre l-kumpens fuq spjegat.*

*"Dwar l-eccezzjonijiet ghandu jinghad illi l-ewwel eccezzjoni hija generali. It-tieni sal-hames eccezzjoni ma jistghux jintlaqghu peress illi mill-provi irrizulta illi effettivament il-kontendenti, minkejja li ma kellhomx partnership f'sens kummercjali, kellhom negozju in komun kif gja' spjegat. Dwar is-sitt eccezzjoni jirrizulta illi. tajjeb jew hazin. l-attur ezegwixxa xi xoghol u kieku din l-eccezzjoni kienet immirata ghal xi forma ta' tnaqqis ta' kumpens lill-attur jew kumpens lill-intimat* ***din kellha ssir f'kontro-talba****. L-istess jinghad fil-konfront tas-seba' eccezzjoni. It-tmien u d-disa' eccezzjonijiet jirrigwardaw fatti fil-kawza jew trattattivi extra-gudizzjarji. Fil-konfront ta' l-ghaxar eccezzjoni jirrizulta illi l-attur ma gabx prova kuntrarja ai termini tar-raba' talba u li din allura trid tigi akkolta.*";

5. Billi l-imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "ABD") ħassu aggravat mis-sentenza appellata, fit-18 ta' Novembru, 2015, ressaq Rikors tal-Appell li fih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tirriformaha billi tikkonfermaha safejn ċaħdet ir-raba' sas-seba' talbiet attriċi u tħassarha safejn laqgħet l-ewwel tliet talbiet u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

6. Fir-Risposta mressqa minnu fl-14 ta' Diċembru, 2015, l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Scerri") warrab l-aggravji mressqa minn ABD u qal li din il-Qorti jmissha tiċħadlu l-appell. Huwa nqeda bl-imsemmija Risposta biex ressaq Appell Inċidentali li bih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha safejn laqgħet l-ewwel tliet talbiet tiegħu, tirrevokaha fil-bqija u, minflok, tilqa' wkoll it-talbiet l-oħrajn kollha tiegħu, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' ABD u tikkundanna lil dan iħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Jannar, 2021, f'liema smigħ ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni ta' għoti ta' rendikont u kundanna għall-ħlas tad-danni fit-tmexxija ta' negozju ta' stabbiliment kummerċjali trasferit lil terzi. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi marbuta mal-likwidazzjoni u l-għoti tar-rendikont, imma ċaħdet it-talbiet rigward il-kundanna u l-likwidazzjoni tad-danni;

10. Illi ABD ressaq **erba' aggravji** mis-sentenza appellata: fl-ewwel wieħed, jilminta li huwa ma seta' qatt jitqies bħala l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi; fit-tieni wieħed, jgħid li Scerri ma seta' qatt jitlob li jieħu lura s-sehem li ħareġ biex twaqqfet is-sħubija, ladarba s-sħubija kienet intemmet u l-aktar li huwa seta' jippretendi kien nofs l-assi li kien għad fadal, liema sehem kien diġa` ħadu qabel fetaħ il-kawża; it-tielet aggravju huwa li l-għoti tar-rendikont ma setax jingħata minnu, ladarba Scerri żamm għandu d-dokumentazzjoni kollha dwar it-tmexxija tan-negozju u kien waħdu responsabbli biex iżomm il-kotba tan-negozju u jħejji l-*accounts* f'waqthom; u bir-raba' aggravju, jikkontesta wkoll il-kap tal-ispejjeż kif maqtugħ bis-sentenza appellata, ladarba l-ewwel Qorti ma laqgħetx aktar min-nofs tat-talbiet attriċi kollha;

11. Illi, min-naħa tiegħu, Scerri ressaq **aggravju wieħed** fl-appell inċidentali tiegħu, marbut maċ-ċaħda mill-ewwel Qorti tal-provi kollha li ressaq dwar id-danni li jgħid li ġarrab u dan fid-dawl tal-fatt li l-ewwel Qorti għarfet li ABD kien iċaħħdu mill-għoti ta' rendikont regolari tat-tmexxija tan-negozju;

12. Illi l-Qorti se tqis l-ewwel l-aggravji ta' ABD fl-appell prinċipali tiegħu;

13. Illi bl-**ewwel aggravju** l-appellant jibqa' jisħaq li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Huwa jisħaq li ma' Scerri qatt ma mexa f'ismu personali, iżda dejjem f'isem il-kumpaniji li kellu sehem fihom, tant li Scerri nnifsu jgħid li r-raġuni li għaliha daħal fin-negozju mertu tal-kawża kienet in-nuqqas ta' ħlas tal-prestazzjoni professjonali li ta lill-imsemmija kumpaniji. B'żieda ma' dan, intwera wkoll li l-post mnejn kellu jitmexxa n-negozju kienet kafetterija li sidtha kienet il-kumpanija Astoria Limited, li kellha titolu legali għall-istess post, u mhux ABD. Huwa jilmenta li l-perit legali maħtur mill-ewwel Qorti ftit li xejn mess din il-kwestjoni u dan ħalla effett fuq il-fehma ta' dik il-Qorti li qagħdet għal kollox fuq il-fehmiet tal-istess perit minnha maħtur, u jlum lill-istess perit legali fit-tweġibiet li huwa ta meta ressqu b'xhud tiegħu fl-eskussjoni. Biex isaħħaħ dan l-argument, ABD jsemmi sensiela ta' ċirkostanzi

probatorji li jinsabu fl-atti tal-kawża u li lkoll, fil-fehma tiegħu, juru li l-kontradittur leġittimu messha kienet Astoria Limited u mhux hu;

14. Illi Scerri jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li l-kwestjoni tal-eċċezzjoni mqajma minn ABD kienet waħda diġa` mistħarrġa fl-ewwel istanza kemm mill-perit legali (fir-rapport oriġinali mressaq minnu u kif ukoll meta saritlu l-eskussjoni) u kif ukoll mill-ewwel Qorti u għalhekk dan l-aggravju ma huwa xejn aktar minn stedina lil din il-Qorti biex terġa' tagħmel eżerċizzju mill-ġdid tal-apprezzament tal-fatti magħmul minn dik il-Qorti. Huwa jgħaddi biex isemmi wkoll xi aspetti probatorji li jixhdu li n-negozju (huwa jsejjaħlu "*joint venture*") li kellu, kien ma' ABD personalment u mhux ma' xi kumpanija ta' dan;

15. Illi hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu[1], sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabbilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom[2], jew jekk il-ftehim innifsu jkun jgħid mod ieħor[3]. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha[4]. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' xi servizz f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi

[1] Art. 998 tal-Kap 16
[2] App. Inf. PS **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Thorne et v. John Mallia Borġ et***
[3] App. Kumm. **4.5.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Galea Souchet v. Michael Falla*** (mhix pubblikata)
[4] Art. 999(1) tal-Kap 16

obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna[5], u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor[6]. Ingħad ukoll li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[7], u f'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[8]. Il-preżunzjoni maħluqa b'dan il-prinċipju hija waħda '*juris tantum*' u tista' titwaqqa' bi prova kuntrarja li trid tinġieb minn min jgħid li kien qiegħed jidher fuq negozju f'isem ħaddieħor[9];

16. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u minn dak li joħroġ mill-provi rilevanti li l-partijiet ma jmerux, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq u li l-appellant ABD huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Dan jingħad għaliex mill-imsemmija provi joħroġ ċar li s-sura u ċ-ċirkostanzi dettati mill-bonsens u mill-aspetti għal kollox legali li ġraw f'dan il-każ ma jħallu l-ebda dubju li r-relazzjoni, fit-tajjeb u fil-ħażin, bejn il-partijiet f'din il-kawża kienet waħda personali bejniethom u ma ddaħħlet l-ebda terza persuna f'dak li kien propost u dak li sar. Għalkemm l-investiment li Scerri għamel f'dan in-negozju kien, f'biċċa

---

[5] Art 1000 tal-Kap 16
[6] Art 1001 tal-Kap 16
[7] Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe v. Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
[8] Art. 993 tal-kap 16
[9] App. Inf. PS **19.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd v. Mario Pickard et pro et noe***

sostanzjali minnu, kreditu li huwa kellu kontra kumpaniji ta' ABD dwar servizzi professjonali mogħtijin lilhom, kemm il-proposta biex issir is-sħubija (saret minn min saret), l-offerta u t-tnissil tan-negozju nnifsu (jissejjaħ kif jissejjaħ) kien wieħed bejn il-partijiet personalment, u dan sa mit-twaqqif tiegħu.  Ma jidher li sar xejn matul iż-żmien li s-sħubija kienet għadha fis-seħħ li jidher li bidel dak l-arranġament tal-bidu.  Meta l-Qorti reġgħet fliet l-atti tal-kawża sabet provi li jsaħħu din il-fehma u raġunijiet tajbin biżżejjed biex isostnu l-fehma tal-perit legali mqabbad mill-ewwel Qorti u kif ukoll tal-istess Qorti;

17. Illi bi tħaddim ukoll tal-prinċipji fuq imsemmija, kien jaqa' fuq ABD li juri b'mod tajjeb li n-negozju kien bejn Scerri u Astoria Limited.  Ma hemm xejn fl-atti li jixhed dan u l-fatt li ABD jargumenta li l-kreditu li kellu Scerri (u li kien parti mill-korrispettiv li huwa għadda għall-formazzjoni tas-sħubija) ma kienx miegħu personalment, imma ma' kumpaniji tiegħu, ma jwaqqa' xejn mir-rabta personali li l-partijiet riedu u kellhom matul iż-żmien li s-sħubija baqgħet fis-seħħ.  B'mod partikolari, ir-raġuni mogħtija min ABD għall-ftuħ fuq ismu (wkoll) tal-kont bankarju li kellu jitħaddem f'dan in-negozju ma tindika bl-ebda mod li, wara l-arranġament ta' bejniethom, kien hemm xi terza persuna benefiċjarja jew li ABD kien indaħal bħala prestanom ta' xiħadd.  Billi baqgħet ma saret qatt xi kitba kostituttiva tan-negozju, trieġi l-preżunzjoni li l-partijiet riedu jidħlu għall-biċċa f'isimhom personali.  ABD ma seħħlux iwaqqa' lanqas din il-

preżunzjoni. Fl-aħħarnett, il-fatt li l-post li minnu kellu jitmexxa n-negozju kien mikri lil Astoria Limited ma jġibx b'daqshekk li Scerri kien daħal bi sħab ma' dik il-kumpanija, u dan għaliex hemm provi li juru li l-fehma bejnu u ABD kienet li l-imsemmija kumpanija tissulloka l-post lilu u lil ABD u ta' dan kienu joħorġu somma konsistenti kull sena bħala korrispettiv ta' sullokazzjoni li baqgħet qatt ma kienet formalizzata f'kitba;

18. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li l-ewwel aggravju huwa mistħoqq u mhux sejra tilqgħu filwaqt li ssib li ABD huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

19. Illi t-**tieni aggravju** ta' ABD jirrigwarda l-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti tas-sehem ta' Scerri fin-negozju li ntemm. Huwa jisħaq li t-talbiet imressqa minn Scerri dwar dik il-likwidazzjoni ma messhomx intlaqgħu għaliex imtebbgħin bl-illeċitu ladarba Scerri ma seta' qatt jidħol fi sħubija ma' ABD jew ma' ħaddieħor li kien klijent professjonali tiegħu. Minbarra dan, iżid jgħid li Scerri kien irċieva u tħallas sehmu mill-isħubija permezz ta' ħlas magħmul b'*cheques* li l-istess Scerri ħa u sarraf sa minn qabel ma fetaħ din il-kawża. Jgħid ukoll li lil Scerri kien stiednu jieħu s-sehem tiegħu mill-effetti mobbli li kien hemm fil-post tan-negozju, imma dan għażel li ma jilqax l-istedina. Taħt dan l-aggravju, huwa jilmenta li l-ewwel Qorti ma messhiex illikwidat sehem fuq is-saħħa tal-investiment li kien sar minn Scerri mat-twaqqif tal-isħubija, imma kellha tillikwida s-

sehem mill-assi li kien għad fadal malli ġiet fi tmiemha, liema ħlas kien ingħatalu bil-ħruġ tal-imsemmija *cheques*. Itemm jgħid li t-trasferiment tal-istabbiliment lil terzi sar bosta żmien wara li s-sħubija kienet intemmet, u għalhekk Scerri ma jista' jippretendi l-ebda sehem minn trasferiment li huwa ma kienx imdaħħal fih;

20. Illi Scerri jwarrab dan l-aggravju billi jgħid li huwa wieħed superfluwu u żbaljat mill-qiegħ. Jgħid li dak l-aggravju ma jagħrafx x'kienet in-natura tal-azzjoni mressqa minnu u, minħabba f'hekk, ABD jintilef f'argumenti li jmorru kontra xulxin u maħsuba biss biex iħawdu moħħ minn kellu jiġġudika l-istess talbiet u s-siwi tagħhom;

21. Illi l-Qorti tqis li l-qofol tal-azzjoni attriċi kienet l-għoti ta' rendikont tat-tmexxija ta' negozju. Mill-ewwel talba attriċi jidher ċar li l-ħsieb tal-attur kien li jitlob l-għoti ta' rendikont. Kemm hu hekk, is-sentenza appellata rabtet lil ABD biex jagħti tali rendikont fi żmien tliet (3) xhur. Għalkemm ħadd mill-partijiet u lanqas l-ewwel Qorti ma semmew tali ċirkostanza espressament, jidher li l-azzjoni attriċi tintrabat mal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 389 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm mhux tabilfors esklussivament li Scerri għażel li jorbotha ma' dawk id-dispożizzjonijiet. F'kull każ, bħala msieħeb fin-negozju li kellu ma' ABD, Scerri kellu kull jedd li jitlob li jingħata rendikont tat-tmexxija tan-negozju, ladarba s-sehem ta' ABD kien sewwasew marbut mat-

tmexxija ta' kuljum tal-istabiliment f'San Ġiljan. Kemm hu hekk, "*l'azione di rendiconto comporta in potenza anche un giudizio sulle eventuali responsabilità connesse allo svolgimento concreto delle attività inerenti al mandato; pertanto l'obbligo di rendere il conto puo` ritenersi adempiuto solo quando colui che vi e` tenuto abbia fornito la prova non soltanto delle somme incassate, della entità e causale degli esborsi nonche` delle quantità e la qualità dei frutti percetti, ma anche di tutti gli elementi di fatto che consentano di individuare e vagliare le modalità con cui l'incarico e` stato eseguito e di stabilire, anche in relazione ai fini da perseguire ed ai risultati raggiunti, se l'operato di chi rende il conto si sia adeguato a criteri di buona amministrazione*"[10]. Fil-liġi tagħna, dawn il-prinċipji jgħoddu kemm fil-qafas ta' soċjeta` ċivili u kif ukoll tal-mandat[11];

22. Illi l-Qorti tibda biex tqis li safejn ABD jittanta jwaqqa' is-siwi tat-talbiet attriċi fuq is-saħħa tal-aspett illeċitu tagħhom, din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa mistħoqq għaliex dan l-aspett qatt ma tqajjem formalment f'eċċezzjoni. Jidher ukoll li dan l-argument jitwaqqa' bl-argumenti l-oħrajn li ABD iressaq biex isostni dan l-aggravju, kif jidher fil-paragrafu li jmiss. Minbarra dan, xhud imressaq minn ABD sewwasew biex jgħid jekk Scerri kisirx il-kodiċi tal-etika professjonali bis-sħubija tiegħu ma' klijent fin-negozju msemmi, ma qal qatt li arranġament bħal dak kien wieħed illeċitu. Dan ukoll irrilevah il-perit legali maħtur mill-

[10] Cassazione **2.8.1973**, nru 2230
[11] Art. 1669 tal-Kap 16

ewwel Qorti fir-rapport tiegħu u kif ukoll meta kien eskuss. Din il-Qorti taqbel ma' dik il-fehma;

23. Illi r-raġunijiet l-oħrajn li ABD iressaq f'dan l-aggravju tiegħu jmorru kontra r-raġuni li għadha kemm issemmiet jekk mhux ukoll li saħansitra ma jaqblux ma' xulxin. Sostanzjalment, l-argumenti huma (i) li l-ewwel Qorti ma setgħetx tillikwida l-kontribut tal-bidu imma messha rat x'kienu l-assi li fadal wara li ntemmet l-isħubija; (ii) li, f'kull każ, Scerri kien tħallas is-sehem tiegħu għas-saldu sa minn żmien qabel fetaħ il-kawża; u (iii) li kien Scerri nnifsu li għażel li ma jilqax l-istedina li jieħu mill-istabbiliment dawk l-oġġetti mobbli li huwa kien intitolat għalihom;

24. Illi huwa minnu li s-sehem li Scerri talab li jkun likwidat kien marbut mat-talba għall-għoti tar-rendikont. Huwa minnu wkoll li l-valur tas-sehem likwidat attwalment mill-perit legali u mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata jikkonsisti, fil-biċċa l-kbira minnu, f'ammont li jirrappreżenta l-infieq li huwa ħareġ bħala l-kontribut tiegħu biex twaqqfet jew tmexxiet 'il quddiem l-isħubija. Sa ċertu punt ukoll, il-fatt li saret likwidazzjoni ta' din il-pretensjoni attriċi qabel ma tressaq ir-rendikont mitlub, jista' jagħti 'l wieħed x'jifhem li l-likwidazzjoni ma kinitx imsejsa fuq kriterji ċerti. Madankollu, ladarba bejn il-partijiet ma kienx hemm soċjeta` ċivili fis-sens veru tagħha (għaliex ma saritx kitba kostituttiva li l-liġi titlob *ad validitatem*

biex tista' tinġieb fis-seħħ[12]), ma jistax jingħad li l-partiti riklamati minn Scerri kienu esklużi *a priori*, iżjed u iżjed meta l-isħubija li kien hemm bejnu u ABD kienet waħda fejn ir-rwol tal-partijiet kien marbut mal-qsim tan-nefqiet u l-qligħ[13]. F'dan ir-rigward, dik il-parti tal-aggravju ta' ABD li titkellem dwar likwidazzjoni biss tal-ġid tas-soċjeta` fil-waqt tax-xoljiment tagħha ma tistax tintlaqa'. Wara kollox, il-liġi nnifisha tħalli li parti li tkun talbet l-għoti ta' rendikont tista' tispeċifika, imqar b'ġurament, is-somma li għandha tingħata jekk kemm-il darba min kellu jagħmel tali rendikont ikun naqas milli jagħmel dan[14];

25. Illi safejn b'dan l-aggravju ABD jargumenta li Scerri kien diġa` tħallas lura ta' sehmu bi ħlasijiet magħmulin qabel fetaħ il-kawża, din il-Qorti ma sabitx prova konklussiva u inekwivoka li l-ħlasijiet li seta' rċieva Scerri kienu sewwasew ħlasijiet biex jissaldaw il-pretensjonijiet li ġew likwidati fis-sentenza appellata. Minbarra li dan l-argument iwaqqa' l-argument ta' qablu, huwa miżmum li min jeċepixxi l-ħlas bl-*exceptio soluti*, irid juri li tabilħaqq ikun qatel dejn li kellu mal-kreditur tiegħu u li dan jagħmlu b'mod konklussiv għax il-piż ta' tali prova jaqa' fuqu. Meta mbagħad ABD nnifsu jressaq l-argument l-ieħor li kien Scerri waħdu li jaħti li baqa' ma ħax sehmu għaliex ma laqax l-offerta li saritlu biex jieħu mill-post xi tagħmir jew ħwejjeġ mobbli li kien hemm ġo fih qabel għadda

[12] Art. 1233(1)(f) tal-Kap 16
[13] Ara App. Kumm **20.1.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Ciancio pro et v. Buontempo*** (Kollez. Vol: **XL.i.481**, a fol. 486)
[14] Art. 394(1) tal-Kap 12 u ara P.A. **29.11.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi et v. Cauchi*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.570**)

f'idejn terzi, hawn toħroġ prova li ABD kien għadu jemmen li l-kreditu ta' Scerri ma kienx tassew ġie saldat. Hawnhekk tqum il-mistoqsija, jekk wieħed ikun tħallas ta' kollox qabel ma s-sħubija ntemmet, kif jista' fl-istess nifs is-sieħeb "debitur" jgħid li kien stieden lis-sieħeb l-ieħor "kreditur" biex jagħżel li jiġbor assi tan-negozju bi ħlas għall-pretensjonijiet tiegħu? It-tweġiba waħdanija hi: jew kien tħallas ta' kollox jew fil-fatt ma kienx;

26. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tasal biex twarrab dan l-aggravju bħala mhux mistħoqq u sejra tiċħdu;

27. Illi bit-**tielet aggravju** ABD jgħid li kellu jkun Scerri li jressaq ir-rendikont u mhux hu. Jgħid li ladarba Scerri kellu f'idejh il-karti u xogħlu kellu jkun il-kontabilita` u l-awditjar tan-negozju, ma setax jistenna li jkun ħaddieħor li jagħtih rendikont tal-istess negozju. ABD iżid jgħid li, min-naħa tiegħu, huwa dejjem ta lil Scerri t-tagħrif rilevanti u meħtieġ tant li Scerri kien f'qagħda li jibgħat id-denunzji tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud, u dawk kienu biżżejjed biex jagħtuh kull tagħrif li issa qiegħed jitlob bl-għoti tar-rendikont. ABD jfakkar li s-sehem tiegħu fl-isħubija kien li, bħala espert fil-*catering*, jara t-tmexxija fil-post u mhux li jżomm id-dokumentazzjoni. Itenni jgħid li, sewwasew minħabba li Scerri żamm għandu dokumentazzjoni marbuta mat-tmexxija tal-istabbiliment, hu kellu problemi mad-Dipartiment u mal-Kummissarju tat-Taxxi minħabba li ma

setax jurilhom il-karti biex jikkontesta l-istimi u l-kontijiet dipartimentali. Minħabba f'hekk, jgħid li l-ewwel talba attriċi ma kellhiex tintlaqa';

28. Illi Scerri jwarrab dan l-aggravju wkoll billi jgħid li ABD nnifsu jistqarr li kellu f'idejh it-tmexxija tal-istabbiliment ("*day-to-day running*") oġġett tal-isħubija u dan kien jitlob li huwa jagħti t-tagħrif kollu meħtieġ u jagħtih aċċess għal tali tagħrif. Jistrieħ fuq il-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-perit legali li sab li ABD kien iċaħħad lil Scerri minn dak l-aċċess jew idum ma jgħaddilu d-dokumentazzjoni biex biha jkun jista' jagħlaq il-kotba jew ikollu tagħrif aġġornat ta' x'ikun għaddej fin-negozju;

29. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. L-għoti ta' rendikont mitlub minn Scerri ma kienx jirrigwarda biss l-għoti ta' dokumentazzjoni li tgħin biex jistgħu jinżammu l-kotba tan-negozju u l-mili tal-*accounts* jew tad-denunzji fiskali. Kien jitlob l-għoti ta' tagħrif ieħor li bih Scerri seta' jkun f'qagħda aġġornata li jaf x'qed jiġri fl-istabbiliment ladarba l-preżenza tiegħu hemmhekk ma kinitx mistennija. Mill-provi, ħareġ li kien hemm okkażjonijiet fejn Scerri ntalab jiffirma dokumenti jew jawtorizza ħlasijiet bla ma jkun ingħata stampa ċara tar-raġuni li jkun hekk intalab. Hemm provi li juru li Scerri ntalab joħroġ ħlasijiet kull sena għaliex mingħalih li l-istabbiliment kien ġie sullokat lis-sħubija mingħand Astoria Limited, meta dan ma kienx qatt sar formalment. Ħareġ ukoll li, meta r-rabta bejnu u ABD bdiet tiqras, l-għoti ta' tagħrif kien jinkiseb biss bit-

tqanżieħ wara żmien, u kien hemm li Scerri ntebaħ li ABD ma kienx qiegħed jgħarrfu b'kollox. Dan minbarra li ma kienx qiegħed jingħaraf bejn ħwejjeġ tan-negozju li jolqtu l-isħubija ta' bejn il-partijiet u interessi li jolqtu lil Astoria Limited bħala kerrejja tal-post. Fil-fehma tal-Qorti, dawn huma lkoll ċirkostanzi li jitolbu l-għoti ta' rendikont, lil hinn minn jekk dan jirrigwardax iż-żamma ta' dokumentazzjoni formali. Jirriżulta wkoll li, mill-atti proċesswali, ma ntweriex li ABD qatt ta spjegazzjoni lil Scerri ta' dawn il-ħwejjeġ li bdew joħorġu żmien wara;

30. Illi, minbarra dan, il-Qorti ttenni wkoll il-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel taħt it-tieni aggravju[15] li jwasslu biex ifissru kemm it-talba ta' Scerri għall-għoti ta' rendikont kienet waħda mistħoqqa u fin-natura tal-għamla ta' sħubija li kien hemm bejnu u ABD;

31. Illi fir-**raba' aggravju** ABD jilmenta li s-sentenza appellata għabbietu bil-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-kawża, minkejja li ma ntlaqgħux it-talbiet attriċi kollha magħmulin kontrih. Huwa jgħid li, għallinqas, l-ewwel Qorti messha qasmet il-kap tal-ispejjeż;

32. Illi Scerri jgħid li d-diskrezzjoni ta' qorti biex tqis jekk il-kap tal-ispejjeż f'kawża tgħabbihx fuq parti jew fuq oħra u, f'liema proporzjon, hija ħaġa li l-liġi tħalliha f'idejn dik il-qorti, li tkun semgħet il-każ u żgur tkun fl-

[15] § 21 *supra*

aħjar qagħda li tiddeċiedi ħaġa bħal din. Jgħid li f'dan ir-rigward, l-ewwel Qorti qieset sewwa li tgħabbi lil ABD bil-ħlas tal-ispejjeż kollha;

33. Illi l-Qorti tqis li joħroġ ċar li s-sentenza appellata laqgħet ftit anqas min-nofs it-talbiet li ressaq Scerri. Minkejja dan, l-istess sentenza ma tagħti l-ebda raġuni għaliex l-ewwel Qorti għażlet li titfa' l-ħlas tal-ispejjeż kollha fuq ABD. Jekk wieħed kellu jħaddem dak li tgħid il-liġi[16], id-diskrezzjoni li qorti tuża biex takkolla lil xi parti jew oħra parti mill-ispejjeż tal-kawża trid tkun murija u mfissra, bħalma huwa mistenni minn kull min jinqeda b'diskrezzjoni. Kemm hu hekk, ir-raġunijiet imsemmija fid-dispożizzjonijiet relattivi tal-liġi huma kwalifikati bil-kliem "xi raġuni tajba oħra". Dan jitlob, għalhekk, li l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni tkun imsejsa fuq raġuni u li dik ir-raġuni tkun imfissra, imqar b'mod konċiż fil-parti dispożittiva tas-sentenza nnifisha. F'dan il-każ, ma sarx hekk u għalhekk, salv dak li se jingħad aktar 'il quddiem meta jkun kunsidrat l-appell inċidentali ta' Scerri, l-aggravju ta' ABD huwa mistħoqq u l-Qorti jidhrilha li kien xieraq li l-kap tal-ispejjeż tal-ewwel istanza kellu jkun maqsum indaqs bejn il-partijiet;

34. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**appell inċidentali** tal-attur Scerri. Fil-qofol tiegħu, l-appell inċidentali jikkonsisti fl-ilment li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha marbutin mal-ħtija u l-likwidazzjoni tad-danni,

[16] Art. 223(3) tal-Kap 12

minkejja li kien irriżultalha li ABD kien naqas li "jagħti rendikonti regolari tal-attivita` tal-*joint venture*". Huwa jgħid li sejba bħal dik ma taqbilx mad-dikjarazzjoni li dik l-istess Qorti għamlet fis-sentenza appellata meta qalet li ma jirriżultax b'mod inekwivoku li ABD kien amministra n-negozju b'mod negliġenti jew doluż. Itemm jgħid li l-fatt li ABD kien miftiehem li jieħu t-tmexxija ta' kuljum tal-istabiliment, in-nuqqas min-naħa tiegħu li jagħti rendikont kien biżżejjed biex isejjes it-talbiet attriċi dwar id-danni;

35. Illi ABD jilqa' għal dan l-aggravju billi jsemmi dak li kellu xi jgħid fir-rigward il-perit legali mqabbad mill-ewwel Qorti. Iżid jgħid li kien jaqa' fuq Scerri li jfisser u jipprova d-danni li allegatament ġarrab minħabba n-nuqqasijiet li jgħabbih bihom u li juri li d-danni kienu tassew ir-riżultat ta' dawk in-nuqqasijiet. Jgħid li Scerri ma fisser qatt x'kienu tali danni u, minn fuq, stenna lill-ewwel Qorti toħloq likwidazzjoni minn żniedha jew inkella "*arbitrio boni viri*";

36. Illi l-Qorti ma ssibx li għandha ttawwal dwar dan l-aggravju, għaliex il-kontestazzjoni ta' Scerri dwar ir-raġunament tal-ewwel Qorti hija waħda dwar l-apprezzament probatorju magħmul minn dik il-Qorti. Dwar jekk ABD mexiex miegħu b'mod negliġenti jew doluż, Scerri ressaq il-provi li deherlu li kellu jressaq u ngħata żmien biżżejjed biex jagħmel dan. ABD irribatta bi provi oħrajn min-naħa tiegħu. Il-perit legali daħal sewwa fil-kwestjoni tal-ħtija u wasal għall-fehma li Scerri kien naqas li juri t-

traskuraġni jew id-doložita` fl-imġiba ta' sieħbu. L-istess perit legali ta wkoll ir-raġunijiet tiegħu għaliex wasal f'dik il-fehma. L-ewwel Qorti qagħdet fuq dik il-fehma. Meta l-Qorti reġgħet rat il-provi u x-xhieda li ngħatat quddiem l-ewwel Qorti, sabet li kien hemm raġunijiet biżżejjed li għalihom kemm l-imsemmi perit u kif ukoll l-ewwel Qorti setgħu jaslu għall-fehma li waslu fiha. Dawk l-elementi kienu biżżejjed biex dik il-Qorti toqgħod fuqhom għaliex ma kienu bl-ebda mod irraġonevoli jew frott l-istħajjil u huma fehmiet li jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju ta' razjoċinju mħolli f'kull ġudikant. Fuq kollox, huma raġunijiet tajbin biżżejjed biex din il-Qorti ma tibdilx b'tagħha d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Minbarra dan, din il-Qorti ma taqbilx li n-nuqqas waħdu li ABD ma tax rendikont tat-tmexxija tal-istabbiliment kien iġib miegħu awtomatikament prova ta' mġiba negliġenti jew doluża. Kien meħtieġ li Scerri jipprova dak li allega u ma jieħu xejn bħala fatt kompjut għar-raġuni biss li r-relazzjoni bejnu u ABD kienet tkissret;

37. Illi b'żieda ma' dan, ukoll li kieku l-ewwel Qorti laqgħet ir-raba' talba attriċi, dan ma kienx iwassal biex jintlaqgħu t-talbiet l-oħrajn ukoll marbutin magħha. Minkejja l-ħatra ta' perit (kif mitlub fit-tielet talba) u minkejja ż-żmien aktar minn biżżejjed li ngħatalu sakemm ingħatat is-sentenza appellata, Scerri ma ressaqx provi biżżejjed biex il-likwidazzjoni tad-danni minnu mitluba setgħet issir. Ma semmiex fiex kienu jikkonsistu d-danni li jgħid li ġarrab u mqar jagħti ħjiel tal-ammonti li kien jippretendi

taħt dawn il-kapi tal-kawża. Ma kienx sewwa li, f'azzjoni li l-għan ewlieni tagħha kien l-għoti ta' rendikont, iħalli f'idejn il-Qorti biex issawwar ċifra ta' danni u tagħmel hi l-likwidazzjoni li hu kien fl-obbligu li jipprovdilha b'materjal probatorju meħtieġ biex twettaq dak l-eżerċizzju u dan m'għamlux. Din hija raġuni oħra għaliex l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma laqgħetx dawn it-talbiet attriċi;

38. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet aktar 'il fuq[17] dwar il-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti meta l-attur għadu qiegħed jistenna li jingħata r-rendikont min-naħa ta' ABD. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur ta' Scerri stqarr li l-għoti ta' rendikont illum minn ABD huwa eżerċizzju "x'aktarx problematiku", u ma jafx jekk Scerri għadx fadallu għan li jikseb it-twettiq ta' dik il-parti tas-sentenza appellata. Din il-Qorti wkoll qieset jekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li għamlet hi u tqis l-aggravji taż-żewġ partijiet, kienx hemm raġunijiet biex iżżomm fis-seħħ ukoll dik il-parti tas-sentenza appellata li ordnat lil ABD iressaq ir-rendikont. Minħabba li l-ewwel talba attriċi ntlaqgħet mill-ewwel Qorti u din il-Qorti sabet li kienet mistħoqqa, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tħassarha, u dan biex, f'każ li r-rendikont jingħata, Scerri jkun jista' jagħraf jekk, minbarra l-likwidazzjoni li saret fis-sentenza appellata, ikunx għad fadallu jirċievi xi ħlas ieħor jew le. Din ukoll hija raġuni għalfejn il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, sabet li Scerri

---

[17] § 24 *supra*

ma kienx ressaq provi tajbin biżżejjed biex isejjes il-pretensjonijiet tiegħu dwar id-danni b'mod sodisfaċenti;

39. Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb u mhix sejra tilqgħu;

***Decide:***

40. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

**Tilqa' limitatament l-appell prinċipali** tal-intimat Busuttil Dougall f'dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż u **tiċħad** l-istess appell fil-bqija;

**Tiċħad l-appell inċidentali** tal-attur appellat, billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt; u

Għalhekk, **tirriforma** s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Novembru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet, u **tikkonfermaha** għall-bqija; u

**Tordna** li l-intimat appellant Busuttil Dougall iħallas tliet kwarti ($^3/_4$) tal-**ispejjeż tal-appell** tiegħu u l-attur appellat Scerri jħallas il-kwart ($^1/_4$) l-ieħor, filwaqt li l-attur Scerri jħallas l-**ispejjeż tal-appell inċidentali** waħdu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr